MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Numru 297/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**MARIA BEZZINA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Bezzina ta' 37 sena mart Eleno, bint Martin Grech u Venera nee' Bugeja mwieldha St. Venera fid-09/05/66 u toqghod 77, Redimpteur, Triq Emanuel Attard, St. Venera li ghandha karta tal-identita numru 203466(M) giet akkuzata:

Talli fid-29 ta' Jannar 2003 ghall-habta tat-08.30 ta' filghodu fil-Hamrun:

b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunat griehi gravi u permanenti fuq il-persuna ta' P.C. 1037 R. Ciappara;
b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunat hsara ta' aktar minn hames mitt lira Maltin (LM500) izda anqas minn elf lira Maltin (LM1000) fuq il-mutur numru GVP454 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD896 bi traskuragni u b'manjiera perikoluza;
naqset li tiehu l-prekawzjonijiet neccessarji meta minn triq sekondarja kienet ser tohrog ghall gewwa triq maggura.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika il-piena skond il-ligi, tiskwalifika lill-imsemmija Maria Bezzina milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrila xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali markat bhala Dok MB3 u nnutat li l-imputata fl-ezami taghha ddikjarat li m'ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet.

Fl-ewwel lok, tirrileva li dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li fih korra gravament PC 1037 Richard Ciappara u li sehh fid-29 ta' Jannar, 2003 ghall-habta tat-8.30 ta' filghodu gewwa l-Hamrun fi Triq Parish Priest Mifsud, f'liema incident PC 1037 Richard Ciappara kien qieghed isuq mutur tal-Pulizija bin-numru tar-registrazzjoni GVP 454 tal-marka BMW u l-imputata kienet qeghda ssuq vettura numru tar-registrazzjoni TFD 896 tal-marka Opel Corsa.

Il-Qorti taghmel referenza ghal bran mill-kontro-ezami tal-imputata Maria Bezzina li tat fis-Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005, fejn din qalet:
"Hawnhekk nixtieq nispjega illi l-incident sehh kif ser nghid. Jien wara li waqaft wara li kont qbizt l-isleeping policeman fid-direzzjoni tal-vetturi li kienu gejjin minn Psaila Street sejrin lejn il-Kuncizzjoni kien hemm traffic jam. Jien kien hemm karozza li waqfitli u teptpitli u jien meta rajt il-karozza illi ghamlet hekk hrigt u dak il-hin sehh l-incident mal-mutur tal-pulizija. Nixtieq nghid illi jien imbaghad kif gejt biex qbizt il-vettura li kienet cedietli jien ittawwalt lejn Psaila Street u nghid illi kif immedjatament ittawwalt sibt il-mutur ghal fuqi. Nixtieq nghid illi jien wara li teptipli d-dawl ta' din li hallietni nghaddi, jien hrigt. Kif hrigt preciz imbaghad gara l-accident. Nghid illi s-serbut ta' karozzi li kienu gejjin minn Psaila Street sejrin fid-direzzjoni tal-Knisja tal-Kuncizzjoni nghid dawn kienu qrib il-bankina. Nghid illi jien ma tajtx kaz jekk dakinhar kienx hemm xi karozzi ipparkjati fiz-zona li hemm fejn jista' jkun hemm parking fit-triq." (Sottolinjar tal-Qorti)

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Emanuel Azzopardi moghtija fit-8 ta' Gunju, 2004 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Nghid illi meta l-karozza u l-mutur intlaqtu, il-karozza waqfet. Dana l-karozza waqfet wara li tat id-daqqa lill-mutur. Nghid il-mutur tal-Pulizija jien rajtu ghaddej fil-*lane* tieghu fid-direzzjoni li taghti ghal quddiem il-Knisja tal-Kuncizzjoni.

Nghid illi l-karozza li spiccat imbaghad laqtet lill-mutur harget minn fuq ir-rampa fejn hemm tal-*Corner Spot* u baqghet hierga. Nghid illi jiena l-karozza rajtha hierga u laqtet il-mutur u l-mutur intlaqat fuq in-naha ta' wara tieghu. Dak il-hin bhala traffiku f'din it-triq kien it-traffiku kien gej u sejjer. Nghid illi kien traffiku miexi." (Sottolinjar tal-Qorti)

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' PC 1037 Richard Ciappara moghtija fis-Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005, fejn dan ix-xhud qal:

“Jiena meta kont ghaddej kont qieghed fuq in-naha tax-xellug tat-triq u jiena ma kontx qieghed wrong side. Jiena kont qieghed inzomm distanza ragonevoli bejn dan il-kju ta’ karozzi b’mod illi jekk wiehed accidentalment jiftah il-bieba lili ma jolqotnix u jiena kont qieghed fuq in-naha tieghi tat-triq u dan ghaliex din it-triq li kont fiha tippermettili. Issa meta gejt fil-Pjazza Kappillan Muscat jiena hassejt daqqa minn wara u tlift il-kontroll tal-mutur. Nixtieq hawnhekk nippreciza li d-daqqa hassejtha fuq in-naha tax-xellug tal-mutur u din fuq il-bagalja. Jien dak il-hin ma kontx naf x’kien laqatni. Jien wara li hadt din id-daqqa tlift il-kontroll tal-mutur. X’hin jiena gejt biex inzomm il-mutur sibt trakk ipparkjat fil-kantuniera, hbatt mieghu, waqajt u hbatt wicci ma’ l-istaffa tat-trakk. Jiena b’konsegwenza ta’ dan kelli multiple fractures fic-cheek bone, kelli qasma fuq l-eyebrow u li minnu harigli hafna demm. Jien dak il-hin il-crash helmet kien qieghed go rasi. Jien nghid illi jiena ma ntliftx minn sensija.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Il-Qorti rigwardanti in-natura ta’ griehi sofferti minn PC 1037 Richard Ciappara taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Dr Michael Spiteri MD moghtija fis-Seduta tat-12 ta’ April, 2005, fejn dan ix-xhud qal:
“Nghid illi fid-29 ta’ Jannar 2003 u dan ghal habta tad-disgha ta’ filghodu gewwa d-Dipartiment ta’ l-Emergenza ta’ l-Isptar San Luqa jien ezaminajt lil Richard Ciappara u nghid illi dan kien qieghed bl-uniformi tal-Korp tal-Pulizija u dan iddahhal l-isptar wara li allegatament kellu incident bil-motorcycle tieghu u dan il-motorcycle tieghu tal-pulizija. Dan instab li kien qieghed isofri minn griehi gravi u diversi ksur fil-parti tal-lemin ta’ wiccu kif ukoll ksur fil-polz tan-naha tax-xellug u ghalhekk jiena ccertifikajt il-kundizzjoni ta’ dan il-pazjent bhala wahda gravi. Eventwalment dan il-pazjent gie ammess gewwa sala fejn aktar tard gie operat. Nghid illi min-notamenti ta’ l-isptar sa’ l-4 ta’ Frar 2003 dan il-pazjent kien ghadu rikoverat l-isptar u wkoll kelli nota fejn suppost dan il-pazjent kellu jigi operat fit-8 ta’ Frar 2003. Skond in-notamenti l-kirurgi li kellhom jaghmlu din l-operazzjoni nhar it-8 ta’ Frar 2003 kienu Mr E J Farrugia u Mr Galea. Nghid illi jien

nikkonferma illi meta jien ezaminajt lil dan il-pazjent dan kien qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi."

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal:
"In kwantu ghal frattura ta' idejn il-pazjent Ciappara din giet determinata minn X Ray.  In kwantu ghal ksur f'wicc il-pazjent ahna kellna suspett fuq l-X Rays u biex nikkonfermaw sar CT Scan dakinhar stess li kkonferma l-fratturi fil-wicc.  Nghid illi bhala fratturi fil-wicc kien hemm bejn tnejn u tlett fratturi fil-wicc."

Dwar in-natura tal-griehi sofferti minn PC 1037 Richard Ciappara il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni tal-Professur James Galea moghtija fis-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2005 u ghad-dokument Dok PJG1 esebit mill-istess Professur.

Inkwantu ghall-ammont ta' hsarat fuq il-mutur GVP 454 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PC 493 Anthony Borg moghtija fis-Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004 u ghad-dokument BAP1 esebit mill-istess xhud fl-istess Seduta kif ukoll ghad-deposizzjoni tal-istess xhud PC 493 Anthony Borg moghtija fis-Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005 u ghad-dokument Dok ABT1 esebit mill-istess xhud fl-imsemmija Seduta.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra ticcita bran minn Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud" deciza fis-6 ta' Mejju, 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), fejn dik il-Qorti, inter alia, irriteniet illi:
"**Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza.  Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.  **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan "bi traskuragni kbira".  Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta'

traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dan l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dan ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** Appell Kriminali, 21/5/96)."

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appelli Civili (Inferjuri) moghtija fis-16 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet Dottor Remigio Zammit Pace, bhala segretarju, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Elmo Insurance Services Limited u din rapprezentanti s-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc. surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Mompalao Depiro u l-istess Joseph Mompalao Depiro *versus* Carmen Grima fejn, inter alia, saret referenza ghall-principji u l-gurisprudenza illi *side road user* ghandu d-dover li jzomm *a proper look out*.

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti, tenut kont is-suespost u konfortata bil-gurisprudenza nostrana jemergi li l-imputata agixxiet b'manjiera perikoluza fis-sewqan taghha. Hija naqset li zzomm il-*proper lookout* minnha rikjest f'cirkostanzi meta hi dahlet fi triq principali li kienet traffikuza minn go triq sekondarja. L-agir tal-imputata bis-sewqan taghha meta harget kif harget minn go triq sekondarja ghal gewwa *main road* traffikuza kien certament ta' perikolu ghal terzi u ghall-proprjeta' taghhom.

Hawnhekk il-Qorti senjatament tirreferi ghal bran mid-deposizzjoni tal-istess imputata (Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005) li diga' gie riferit f'din is-Sentenza fejn prattikament jirrizulta li l-imputata strahet fuq it-teptip ta' dawl ta' vettura ohra biex hi harget ghal go triq principali.

Difatti hu sinifikanti is-segwenti kliem tal-imputata (Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005):
"Nixtieq nghid illi jien wara li teptipli d-dawl ta' din li hallietni nghaddi, jien hrigt. Kif hrigt preciz imbaghad gara l-accident."

Hu sinifikanti wkoll dak li x-xhud Emanuel Azzopardi (Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004) kien qal:
"Nghid illi l-karozza li spiccat imbaghad laqtet lill-mutur harget minn fuq ir-rampa fejn hemm tal-*Corner Spot* u baqghet hierga."

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tal-imputata jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Rat l-artikoli 226(1)(a) u 328(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a), 15(2), 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 76 tal-Avviz Legali 128/1994.

Tiddikjara li ir-reat kontemplat fl-artikolu 328(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u assorbit fir-reat aktar gravi kontemplat fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Maria Bezzina hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputata tikkundanna lill-istess imputata ghall-piena komplessiva ta' elf Liri Maltin (Lm1000) multa. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-imputata milli jkollha jew milli tikseb licenzji tas-sewqan ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------